A.L. 522 tal-2010

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2010 li Jwaqqaf l-Aġenzija Żgħażagħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2010 li jwaqqaf l-Aġenzija Żgħażagħ.

Twaqqif tal-Aġenzija Żgħażagħ.

2. (1) Għandu jkun hemm Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala l-Aġenzija Żgħażagħ, li għandha twettaq il-funzjonijiet relatati mal-affarijiet taż-żgħażagħ. Din l-Aġenzija għandha tassumi r-responsabbiltajiet li qabel kienu vestiti fis-Sezzjoni taż-Żgħażagħ fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi.

(2) L-impjegati kollha li kienu qed iwettqu d-dmirijiet tagħhom ma', u kull uffiċjal pubbliku ieħor li bħalissa huma assenjati mas-Sezzjoni taż-Żgħażagħ fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, għandhom jitqiesu bħala impjegati tal-Aġenzija taħt l-istess termini u kundizzjonijiet li jkunu jipprevalu fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Ordni.

(3) Il-kuntratti ta' impjeg tal-impjegati tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi għandhom jibqgħu fis-seħħ bħallikieku dawn saru mill-Aġenzija.

(4) Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-aġenzija għandhom jitqiesu li huma assenjati mal-Aġenzija skont l-artikolu 43 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

(5) L-Aġenzija għandha, mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Ordni, tassumi r-responsabbiltà tal-attiv, l-passiv u l-obbligi kollha li qabel kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tas-Sezzjoni taż-Żgħażagħ fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi jew minn korpi oħra li jaġixxu f'isimu.

Funzjonijiet u obbligi tal-Aġenzija.

3. (1) L-Aġenzija għandu jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li tikkollabora u tassigura l-koordinazzjoni meħtieġa bejn id-dipartimenti tal-Gvern u aġenziji oħra fl-implimentazzjoni tal-politika taż-żgħażagħ u miżuri jew inizjattivi proposti mill-Gvern jew l-Aġenzija minn żmien għal

żmien;

(b) li twettaq u tikkoordina riċerka fuq materji speċifiċi mmirati biex jivvalutaw is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-affarijiet taż-żgħażagħ;

(ċ) li tifformula, tikkoordina, tmexxi u tevalwa l-programmi tax-xogħol taż-żgħażagħ li jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ;

(d) li tipprovdi informazzjoni lokali u tal-UE liż-żgħażagħ dwar kull materja li tista' tkun ta' interess għall-iżvilupp tagħhom u tiffaċilita l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjoni taż-żgħażagħ fi programmi tal-UE u l-Euromed;

(e) li tikkollabora mal-Awtorità Nazzjonali u l-Aġenzija Nazzjonali tal-programm *Youth in Action* għal programm operattiv koerenti;

(f) li taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-involviment taż-żgħażagħ fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet;

(g) li tippromwovi r-rwol taż-żgħażagħ fil-Gvern lokali; u

(h) li tassisti u tappoġġa l-organizzazzjonijiet volontarji taż-żgħażagħ, nazzjonali u reġjonali, u organizzazzjonijiet oħra li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ.

(2) L-Aġenzija għandha tassumi d-dmirijiet li ġejjin:

(a) li tikkoordina, tivvaluta u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ;

(b) li tassigura li l-programmi kollha tal-Gvern li jirrigwardaw l-affarijiet u l-interessi taż-żgħażagħ jiġu implimentati skont il-Politika Nazzjonali dwar iż-Żgħażagħ;

(ċ) li żżomm kuntatt dirett u kontinwu mal-korpi lokali u barranin li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ, u ma' gruppi, aġenziji jew individwi oħra kif ikun meħtieġ;

(d) li tassigura l-ogħla *standards* fix-xogħol taż-żgħażagħ; u

(e) li tissorvelja t-twettiq ta' dan l-Ordni, u meta jkun

meħtieġ, fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, tippreżenta proposti biex dan l-Ordni jigi rivedut.

Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

4. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija Żgħażagħ għandu jkun il-Ministru responsabbli għaż-żgħażagħ.

(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għaż-żgħażagħ għandu jissorvelja l-Aġenzija skont it-termini tal-artikolu 39 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: Kap. 497.

Iżda s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għaż-żgħażagħ jista' jiġi assistit f'dik superviżjoni minn Segretarju Permanenti ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: Kap. 497.

Iżda wkoll jekk Ministru, minbarra l-Prim Ministru, jassumi r-responsabbiltà tal-Aġenzija, is-superviżjoni tagħha taqa' taħt is-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

5. L-Aġenzija għandha tiġi amministrata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija Żgħażagħ, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija għandhom jingħataw preċedenza.

Arranġamenti speċjali oħra li japplikaw għall-Aġenzija.

6. L-operat tal-Aġenzija għandu jkun skont il-Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija Żgħażagħ.

Bord Konsultattiv.

7. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jwaqqaf bord konsultattiv sabiex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.

(2) Bord konsultattiv imwaqqaf skont dan l-artikolu għandu jkun jikkonsisti minn mhux inqas minn żewġ membri u mhux iktar minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(3) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord Konsultattiv tal-Aġenzija għandha tkun skont kull direttiva u linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

Emenda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

8. Fir-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufuh wara l-Aġenzija "L-Uffiċċju ta' l-Avukat

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ġenerali" għandu jiżdied dan li ġej:

"Aġenzija Żgħażagħ	Sabiex tiġi integrata l-Politika taż-Żgħażagħ u tissostitwixxi s-Sezzjoni taż-Żgħażagħ eżistenti billi jiġu provduti Servizzi taż-Żgħażagħ mill-Gvern".